Kunsill Lokali Ħal Balzan
153 Triq il-Kbira
Ħal Balzan

**MINUTI TA' L-ERBGĦIN LAQGĦA TAS-SEBA' KUNSILL**

**Post:** fis-Sala tal-Kunsill, 153 Triq il-Kbira, Ħal Balzan

**Data:** L-Erbgħa, 2 ta' April 2014

**Ħin:** Mill-5.30pm sas- 6.40pm

**Preżenti:** It-Tabib J. Zammit Montebello
Is-Sur Joseph Mary Galea
Is-Sur Desmond Zammit Marmara
Is-Sur Stephen Gatt
Is-Sur Guido Borg

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-Ambaxxatur s-Sur Andrew Zammit Montebello bagħat jinfurmana li ma setax ikun preżenti għaliex kien għaddej bil-preparamenti tal-eżamijiet.

**1. Approvazzjoni tal-Minuti**

Fuq il-mejda tal-Kunsill tqegħdu l-minuti tat-disa' u tletin laqgħa ta' nhar l-Erbgħa 2 ta' Marzu 2014. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

Is-Sindku saqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Il-Minuti kienu proposti għall-approvazzjoni mill-Kunsillier Guido Borg, li kien issekondat mill-Viċi Sindku Joe Galea. Il-minuti kienu approvati unanimament. Il-Viċi Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-minuti biex juru li huwa dokument korrett.

**2. Mill-Minuti**

Ma kienx hemm *arising out* tal-minuti

**3. Applikazzjoni A+ Accessibility Award 2014**

Il-Kunsill b'vot unanimu approva li l-Kunsill ta' Ħal Balzan jissottometti l-applikazzjoni A+Accessibility mal-Ministeru tal-Anzjani u Diżabilita' biex issir rampa quddiem il-Kazin San Gabriel.

## 4 Promozzjoni minn Skrivan fi Skala 15 għal Executive officer fi Skala 13

Is-Sindku informa lill-Kunsill li flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv qablu li kien wasal iż-żmien li s-Sna. Doriette Farrugia tingħata promozzjoni fi Skala 13 fi grad ta' Executive Officer. Doriette Farrugia ilha erba' snin taħdem mal-Kunsill fejn is-Segretarju kif ukoll is-Sindku wrew apprezzament tax-xogħol siewi li qed tagħmel aktar u aktar li matul dawn l-aħħar snin ix-xogħol kompla jiżdied għaliha mingħajr ebda rimunerazzjoni. Barra minn hekk hemm bżonn li jingħatawlha aktar funzjonijiet ta' xogħol fejn fost oħrajn trid tibda' tieħu ħsieb l-updates tal-websajt tal-Kunsill fejn dan ix-xogħol ma jistax ikompli jsir mill-Kunsillier Desmond Zammit minħabba impenji ta' xogħol kemm tiegħu u kemm tal-Kunsill. Ser jiżdiedilha wkoll ix-xogħol ta' *accounts bookeeping* hekk kif għadha kemm ġabet Diploma f'dan is-suġġett.

Is-Sindku rrimarka li bħala Kunsill ma naffordjawx li nitilfu din il-persuna minħabba l-esperjenza li għandha f'dan il-Kunsill għaliex jifhem li kull persuna li taħdem tipprova timmiljora l-posizzjoni tagħha tax-xogħol u meta' jiġi l-waqt titlaq.

Hekk kif jidher li l-Kunsill qed jaqbel, is-Sindku ta l-istruzzjoni biex jinbeda dan il-proċess ta' promozzjoni u jikteb lid-Dipartiment biex il-Kunsill jagħraf jimxi.

## 5 Installazzjoni ta' *belisha lights* fi Pjazza Bertu Fenech

Is-Segretarju Eżekkuttiv poġġa fuq il-mejda kwotazzjoni għall-installazzjoni ta' *belisha lights* quddiem iż-żebra crossings fi Triq Guze' Bonnici u Triq it-Tlett Knejjes li jammontaw għas-somma ta' € 4661. Dan l-ammont jaqbeż dak stipulat fil-liġi fejn triq tinħareġ sejħa pubblika għall-kwotazzjonijiet. Is-Segretarju qal li filwaqt li jifhem li fi Triq Guże' Bonnici għandhom jiġu intstallati dawn il-globi minħabba l-wisgħa tat-triq, staqsa jekk nistgħux fi Triq it-Tlett Knejjes quddiem iż-zebra crossing jiġu installati xi tip ta' flood lights apposta għal hemm. Is-Sindku ssuġġerixxa jekk nistgħux hekk kif qed inlestu t-tender ta' *street lighting* fil-*village core* jistgħux dawn jiġu nkorporati fil-BOQ's ta' dan it-tender. Is-Segretarju wieġeb li ser ikellem lill-Perit u jirreferi lura lill-Kunsill fil-laqgħa li jmiss.

## 6 Tender TS 1/14: Maintenance of Traffic Signs and road markings

Il-Kunsill wara li evalwa l-offerti li ntefgħu u wara li s-Segretarju Eżekuttiv kien kiteb lill-Koptasin Ltd u lill-B. Grima & Sons li ġew *shortlisted*, fejn talabhom għal referenzi mingħand kunsilli oħra għal raġuni li d-differenza tar-rati huma prattikament identiċi u b'hekk ikun f'pożizzjoni aħjar li jevalwa infurma lill-Kunsill li rċieva biss mingħand B. Grima & Sons. Għalhekk il-Kunsill b'vot unanimu approva u ser jagħti t-tender lill-B. Grima & Sons.

## 7 Approvazzjoni biex isir il-ħlas u ħlas ta' Petty cash

Fuq il-Mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta' ħlasijiet li ġġib id-data tat-2 ta' April 2014 (mehmuża) li tammonta għas-somma ta' € 18,630.77

L-iskeda ta' ħlasijiet kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kunsillier Desmond Zammit Marmara li kien issekondat mill-Viċi Sindku Joe Galea. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet. L-iskeda ta' ħlasijet ġiet iffirmata minn żewġ kunsilliera biex juru li hija dokument korrett.

Is-Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il-mejda proposta ta' telefonija u internet minn Ozone Ltd fejn tawna rata li meta tikkompara ma' dak attwali, l-Kunsill fuq medda ta' sentejn ser jiffranka l-ammont ta' €1088.40. Is-Sindku talab lis-Segretarju biex jaċċerta ruħu li l-kwalita' ta' telefonati mhumiex inferjuri għal dak attwali u nkunu nistgħu immexxu hekk kif il-Kunsill qiegħed jaqbel fuq dan.

**8 Korrispondenza u Ilmenti**

Dwar ilmenti li rċieva l-Kunsill f’dan il-perjodu l-Kunsill ġie nfurmat illi dawn ġew konsiderati u li tkun ittieħdet azzjoni min naħa tal-Kunsill sabiex tinstab soluzzjoni u jitneħħa kull inkonvenjent għas-sodisfazzjoni ta’ kull min ikun ippreżenta l-ilment.

Il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara talab li l-yellow lines fi Triq Santu Rokku għandhom isiru, mingħajr ma’ għandu għalfejn min ressaq l-ilment imur għand il-ġirien jitlob l-approvazzjoni tagħhom. Dan huwa każ ta’ saħħa u sigurta’ fit-triq. Is-Segretarju qal li din kienet imposta minn Transport Malta. Il-Kunsill iddeċieda li f’dan il-każ, il-yellow lines għandhom isiru għax huwa każ ġenwin u talab lis-Segretarju jinforma lil *handyman* biex jagħmilhom.

**9 Kumunikazzjoni tas-Sindku**

Is-Sindku ta xi dettalji lill-Kunsill fuq xi programm għandu f’moħħu u x’qed jiġi ppjanat li jsir fl-okkazjoni tal-ftuħ tal-proġett ERDF nhar il-Ħadd, 4 ta’ Mejju 2014.

**10 Suġġerimenti u Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

Il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara’ ta xi informazzjoni fuq l-attivita’ ta’ Jum Ħal Balzan li ser ssir nhar is-Sibt 3 ta’ Mejju 2014 fosthom li ser issir serata muziko letterarja u l-Baned ftiehmu flimkien li dak n-nhar ddoqq il-banda tal-Kazin Marija Annunzjata peress li l-Banda Kazin San Gabriel għandhom impenji oħra.

Il-Viċi Sindku ta xi dettalji ta’ laqgħa li kellu ma’ kumpanija taljana li tagħmel xogħol tat-toroq.

Il-Kunsillier Stephen Gatt ressaq ilment li f’De Paul Avenue kantuniera ma’ Mdina Road hemm siġra kbira tal-fikus ġo propjeta’ privata biex din tiġi mizbura għaliex qed tagħmel ħsara lil-inkwilini oħra. Is-Segretarju ser jara x’jista’ jsir.

Il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara’ qal li kien talab li fi Vjal il-Bon Pastur, in-naħa ta’ fuq, fuq ilment ta’ residenta, il-handyman tal-Kunsill jiċċekkja fuq xi ħofor taħt il-bankina. Is-Segretarju ser jiċċekkja u jekk ma sarux tittieħed azzjoni.

**Għeluq:** Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar it-Tlieta, 22 ta’April 2014 fil-5.30pm.

| | |
|---|---|
| **Dr. J. Zammit Montebello** | **Mark Mallia** |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |

Data